MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2001

Numru 536/2000

**Il-Pulizija**
(Spettur David Saliba)
**vs**
**Kevin Ciantar**
**ta’ 24 sena bin Anthony u Mary nee’ Cole imwieled Pieta’ imwieled nhar it-23 ta’ dicembru 1975 u joqghod 12, ‘Xarolla’ Dun salv Sciberras Haz-Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 39576M.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza li tghid li l-imputat hu akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur u qabel il-25 ta’ Frar 2000 matul il-gurnata f’Haz-Zabbar, xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe’ cassette tal-ghamla Pioneer li jiswa aktar minn Lm 100 izda anqas minn LM 1000 liema stereo gie mehud b’qerq jew akkwistat b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement

b’kull mod li kien indahal biex ibieghu jew imexxieh u dan ghad-dannu ta’ sid li mhux maghruf.
Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tal-31 ta’ Lulju 2000 li biha ta l-kunsens tieghu li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 334, 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif wkoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Jidhrilha li stante il-kondotta nadifa ta’ l-akkuzat u stante li r-rers furtive inghatat lura ghandha tapplika l-ahhar imsemmi artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Waqt li ssib lill-akkuzat hati tilliberah that l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn illum u qed taghti lill-akkuzat it-twissijiet skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------